

Brussell, 7 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8706/26

---

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
**2025/0156 (NLE)**  
**2025/0155 (NLE)**

---

---

**IXIM 105**  
**JAI 513**  
**ENFOPOL 152**  
**CRIMORG 101**  
**JAIEX 26**  
**AVIATION 65**  
**DATAPROTECT 141**  
**ISL 8**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja - Adozzjoni

---

1. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill ir-"Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mill-UE għall-Iżlanda għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja".
2. Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-Ftehim u ta lill-Kummissjoni d-direttivi ta' negozjati meħtieġa. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE fis-6 ta' Marzu 2024.

3. In-negożjati bdew fil-21 ta' Marzu 2024 u ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-abbozz ta' Ftehim fid-9 ta' April 2025. Qabel l-inizjalar, il-Kummissjoni ddiskutiet l-abbozz ta' Ftehim fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM) tal-24 ta' Frar 2025 u tat-18 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri rċevew kjarifiki mill-Kummissjoni, u saru bidliet żgħar fl-abbozz ta' Ftehim.
4. Fit-12 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill propożta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u propożta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim.
5. Fl-24 ta' Lulju 2025, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim. Ikkonkluda li l-abbozz ta' Ftehim fih is-salvagwardji meħtieġa sabiex ikun kompatibbli mal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.
6. Fid-29 ta' Lulju 2025, l-Irlanda nnotifikat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li tixtieq tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet propożti tal-Kunsill.
7. Fit-22 ta' Settembru 2025, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill:
  - adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR), li magħha huwa meħmuż il-Ftehim, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti (id-dokumenti 11282/25 u 11284/25);
  - iddeċieda li jinforma lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-ftehim;
  - iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif jinsab fid-dokument 11283/25, iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

8. Fid-29 ta' April 2026, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim.
  9. Fid-dawl ta' dan kollu, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
    - jadotta, bħala punt "A" l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 11283/25;
    - jaqbel li t-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim, jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali;
    - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-